Il-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
**Magistrat Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**

**Illum, it-18 ta' Jannar 2024**

**Kump. Nru. 687/2022**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**Versus**

**Boris Kotsev**
**(Karta ta' residenza Maltija 0173548A)**

**Il–Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet kontra **Boris Kotsev** ta' 33 sena, detentur tal-karta tal-identita' Bulgara 651016174 u tal-Karta tar-residenza Maltija bin-numru 0173548A.

Akkuzat talli fil-lokalita' tal-Imsida u/jew fil-Gzejjer Maltin bejn il-lejl tat-tnax (12) ta' Novembru u t-tlettax (13) ta' Novembru tas-sena elfejn tnejn u ghoxrin (2022) :

1. Volontarjament ta n-nar lil dar, mahzen, hanut, dar ta' abitazzjoni jew bini iehor meta hemm gew kien hemm persuni filwaqt tal-hruq;

2. Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli u cioe' fuq il-proprjeta' tar-residenza numru 55, Triq Santa Venera, Imsida ghad-detriment ta' Jason Taliana liema ammont tal-hsara ikun izjed minn elfejn u hames mitt Ewro (€2,500);

Din l-Onorabbli Qorti hija gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Din l-Onorabbli Qorti hija mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-ligi, tapplika wkoll l-artikoli 383, 384, 385 u 412C tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghas-sigurta' ta' Jason Taliana u tal-familjari taghhom.

Rat id-dokumenti kollha pprezentati fl-atti processwali.

Semghat ix-xhieda.

Rat illi l-imputat, fis-seduta tat-2 ta' Novembru 2023, irregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu.

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet rigward il-piena.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat, debitament assistit mill-konsulent legali tieghu tenna li huwa hati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) ta' l-istess Kapitolu, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba, u nghata zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha.

Illi l-imputat rega' tenna ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu, u ghaldaqstant fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tieghu, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lil imputat hati ta' l-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu kif minnu ammessi.

**<u>Decide</u>**

Ghal dawn il-motivi il-Qorti wara li rat Artikolu 7, 8, 31, 316(a) u 325(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed issib lil imputat **Boris Kotsev hati** ta' l-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu, u qed **tikkundannah ghal sitt (6) snin u sitt (6) xhur prigunerija effettiva**.

Dwar it-talba tal-prosekuzzjoni, sabiex din il-Qorti taghti garanzija fil-konfront tal-*parte civile* **Jason Taliana u l-familjari tieghu, ai termini tal-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta,** fic-cirkostanzi din il-Qorti thoss li tali talba hija gustifikata u qeda torbot lil hati **Boris Kotsev** b'garanzija personali ta' **elfejn Euro (€2,000) ghal zmien sena mill-llum** u dan billi ma' jimmolestax, ma' jddejjaqx u ma' jingurjax lil *parte civile* **Jason Taliana u l-familjari tieghu.**

Illi wkoll, **ai termini ta' l-Artikolu 533** tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed tordna lil **hati sabiex ihallas l-ammont ta' sitt elef tmien mija u sbatax-il Euro u tmienja u erbghin centezmu (€ 6,817.48)** bhala spejjez relatati ma' Esperti mahtura fil-kawza odjerna.

Ai termini tal-Artikolu 392A(2) tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti tordna li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol, l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata tal-atti, flimkien m'aċċess għal kopja skenjata tas-sentenza.

**Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**
**Magistrat**